# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**
**Amanda Grech**

Il-Qorti

**Illum: 23 ta` Settembru, 2024.**

Amanda Grech Bint George u Emanuela nee Bellotti mwielda fis 16/4/1982 u toqghod Ithaca, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida ID: 0232482M akkuzat talli fil-15 t`April, 2023 ghall-habta ta` 20:00hrs f`Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla soqt vettura b`numru ta` registrazzjoni MDZ164;

1. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera perikoluza, Kap 65 Art 15(1)(a) (2)
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera bla kont, Kap 65 Art 15(1)(a) (2)
3. U talli ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni bl-ghajjat u/jew glied u/jew b` xi mod iehor, sec.338(dd) Kap 9;
4. U b`nuqqas ta` hsieb u bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-art jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma` vettura nru: DON189 w involontarjament hsarat ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta` Donatella Aquilina, Kap 9 Art 328 (d);
5. Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f`post pubbliku meta ma` kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi, Kap 9 Art 15E;
6. U aktar talli irrifjutajt jew inqast milli taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta` l-urina. Kap 9. Art 15A.

Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Qorti hija gentilment mitluba li f`kaz ta` htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stability mill-L.S 65.18 art 36B  u LS 65.18 sitt skeda.

Rat l-artikoli 15(1)(a ) (2), 15 A 15E  tal- Kap 65, L.S 65.18 art 36B  u LS 65.18 sitt skeda.338(dd) ,328(d) tal- Kap 9 tal- ligijiet ta Malta

Rat ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazlet li ma tixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet t-trattazzjoni.

Rat n-nota ta’ sottomissjonijet tal-imputata.

**Ikkunsidrat**

Rat l-affidavit ta **PS 2041 E Cassar** rigwardanti l-involviment tieghu f’dan il-kas.

**Donatella Aquilina,** xehdet hekk

Pros: Donatella inti irrapurtjat xi haga il-pulizija?

Xhud: Le ahna kellna accident telghu il-pulizija.

Pros: Spjegalna meta u fejn?

Xhud: Ma niftakarx id-data ezatt.

Pros: In-numru tal-karozza tieghek tafha?

Xhud: DON 189 Toyota Vitz sewda.

Pros: Fejn sinjura?

Xhud: Bormla ma nafx x`jisimha it-triq ezatt.

Pros: Tiftakar forsi xi ħanut?

Xhud: Ehe quddiem il-hanut ta` missieri.

Pros: Dik bħala bħala triq x'inhi dik tispjegalna triq kif inhi?

Xhud: Tista titla minnha biss kif qed ngħidlek kellna aççident ma Amanda Grech.

Qorti: Qeghda fl-awla?

Xhud: Ehe.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Xhud: Imma mbagħad tipo l-pulizija kellmu lili separat u lilha separat u jiena dak tipo.

Qorti: Kif sar l-inċident?

Xhud: Habtet fuq wara tal-karozza tiegħi.

Pros: Spjegalna aħna ma konniex hemm importanti tispjegalna fejn kont inti bil-karozza tiegħek?

Xhud: Mela jiena kont ħriġt mill-parking u tieghla fuq tlajt fuq fit-triq u hekk kien accident jien ħrigt mill-parking tlajt il-fuq tat-triq.

Qorti: Kemm kont ilhaqt imxejt fit-triq?

Xhud: Imxejt naqra mhux hazin.

Qorti: Imbaghad x`gara?

Xhud: Umbaghad ovvjament habba li triq lane wahda  zammejna traffic,

Qorti: Le le kif sehh l-incident ezatt?

Xhud: Jien hrigt mil-parking base kont qed insuq il-karozza kont tlajt il-fuq jigifieri umbaghad kont miexja lejn il-hanut.

Pros: Il-karozza l-oħra b'liema mod kienet qed issuq sinjura?

Xhud: Jien fil-karozza kont.

Pros: Naf it-tnejn kontu fil-karozza la gara l-impatt. Il karozza l-oħra liema naħa laqtitek u kif kienet qed issuq?

Xhud: Fuq wara.

Qorti: Daqqa zghira daqqa kbira x`daqqa kellek?

Xhud: Le kelli naqra daqqa uu.

Qorti: Kemm kellek danni taf ammont?

Xhud: Xi 600 gie imma kellu jinbidel il-bumper ovvjament ghax kien inkiser.

Pros: X`gara umbaghad smajt l-impatt kont ghaddejja?

Xhud: Umbagħad ġew il-pulizija jiena tajt il-verżjoni tiegħu u lilha kelmuha separat u jiena komplejt imbagħad.

Pros: Tiftakar kien hemm xi interaction bejnek u bejn is- sinjura li għaraft inti?

Xhud: Le aħna tipo tkellimt ma Amanda imbagħad jiena ċempiltilhom insurance qaluli mhux se jikkaverjaw.

Pros: Il-ħin qed ngħidlek?

Xhud: Tkellimna imma tipo meta ħbatna nżilna.

Pros: Kien hemm xi diskors bejnietkhom?

Xhud: Ehe.

Pros: Ħares kien hemm xi diskors bejnietkom x'jitgħallem wara li ġara l-inċident?

Xhdu: Emminni ma nafx eżatt x'għedna dak il-ħin.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet. Impatt insurance x'qalulek?

Xhud: Jiena l-insurance qalu li mhux ħa jikkaverjaw imma mbagħad irranġajna jiena u hi tipo bla problemi ta' xejn.

Pros: Ghala qalulek li mhux ħa jikkaverjawk?

Xhud: Qaluli għax irrifjutat il-breathalyser allura allura mhux se jikkaverjawk imbagħad jien fittixna tkellimt maghha u

ghedtilha l-insurnace mhux se jikkaverjaw bla problemi ta' xejn jiġifieri ġiet u irranġajna jien u hi.

Pros: Meta kien hemm l-interaction mal-pulizija inti kont hemm jew le?

Xhud: Le għax jiena kont qed ngħin lil missier il-ħanut imbagħad dħalt, Jien meta kont jiena kif qed ngħidlek ħbatna meta ħbatna biss ovvjament jien ħriġt mill-karozza u mbagħad hemm ħriġna rajna li ħbatna f' imbagħad ftit żgħira wara jien anqas biss ma nafx jekk ċempilx lill-pulizija jew hekk imma jien ma ċempiltx il-pulizija naħseb telghu għax ftit l-isfel hemm l-għassa u malli raw li hekk telghu biex jaraw x'ġara imbagħad tipo jiena il- pulizija qaluli biex ngħid x' ġara li qed ngħid issa u lilha naħseb għamlulha l-istess, pero jiena ma kontx hemm mal-Pulizja.

Pros: Il-karozzi qabel ġew il-pulizija baqgħu fl-istess post jew le?

Xhud: Eħe.

Pros: M'għandhiex mistoqsijiet.

Avu: Mela sinjura 2 domandi żgħar jekk jogħġbok l-ewwel nett naqblu li inti tħallas tal-ħsara llum il- ġurnata mhux hekk?

Xhud: Ijja.

Avu: Naqblu illi l-ħsara illi kellek kienet fil-bumper?

Xhud: Ijja.

Avu: Naqblu li inti ma weġġajtx waqt dan l-inċident?

Xhud: Naqblu wkoll illi l-inċident ġara ftit wara li inti ħriġt minn ġol-parking bay hux hekk u Amanda kienet qed issuq ġol-triq normali ghall li inti ħriġt għal-fuqha?

Xhud: Fl-istess triq eżatt.

Avu: Jiġifieri hi kienet qed issuq f'it-triq inti hrigt mill-parking u hbattu ftit bumper to bumper hux hekk?

Xhud: Imma jiena kont maħruġa mill-parking għax iktar il- fuq sar hemm ġara l-aççident.

Avu: Ok, Tiftakar jekk għamiltx indikatur int u ħierġa?

Xhud: Ghamilt Żgur.

Avu: Għax tassumi li għamiltu għax tiftakrek tagħmlu imma?

Xhud: Le ghamiltu żgur li indicator.

Avu: Ok, Illum il-ġurnata inti minn dawn il-proċeduri ma trid xejn hux hekk fis-sens inti you sort it?

Xhud: Ijja.

Avu: Daqsekk domandi.

**Ikkunsidrat**

L-imputat uriet nuqqas ta *propoer look-out* meta baqghet diehla go vettura li kienet quddiemha u dan b'manjiera perikoluza. Bhekk tirrizulta l-ewwel(1) imputazzjoni imma ma tirrizultax t-tieni (2). It-tielet (3) imputazzjoni ma tirrizultax stante li ma hemmx l-prova li l-agir ta Amanda Grech affetwa lill-pubbliku u lanqas ma tirrizulta r-raba'(4) imputazzjoni stante li ma ingabhux provi dwar danni li setghet subiet Donatella Aquilina. Rigwardanti l-hames (5) imputazzjoni ma hemmx l- livell ta provi rikjest fil-kamp kriminali. Rigwardanti sitt (6 ) imputazzjoni stante li mhux car jekk lill-imputat gietx imwissija bil-konsegwenzi ta' x'ser jigri jekk ma tihhux t-test tal- breathalizer din l-imputazzjonji ukoll mhux ippruvati .

**Decide**

Rat l-artikoli 15(1)(a ) (2), 15 A 15E tal- Kap 65, L.S 65.18 art 36B u LS 65.18 sitt skeda.338(dd) ,328(d) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta ghal dawn l- motivi kollha ma issibx lil Amanda Grech hatja tat-tieni, tielet , raba', hames u sitt imputazzjoni u u qed tilliberha minn kull htija u piena dwar l-istess izda issibha hatja tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannha ghal multa ta' Elf u mitejn ewro (1200) u skwalifika mill-licenzji kollha ta sewqan ghal zmien tlett (3) xhur u tmin(8) punti fuq il-licenzji tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**